Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 447/1998/1

**Citazzjoni numru 447/98 GC**
**Christopher Sare u martu Mary Sare**
**vs**
**Antonio Grima**

Il-Qorti
Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-
Illi fl-24 ta' Dicembru 1997 ghall-habta tal-4.30 ta' fil-ghaxija il-konvenut Antonio Grima waqt li kien qed isuq karozza DAP 937 go Vjal Santa Lucia, Paola b'negligenza u traskuragni ikkaguna incident tat-traffiku f'habta ma' karozza EAD 404 proprjeta' ta' l-atturi;

Illi l-incident gara tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

Illi anke meta gie interpellat sabiex jersaq ghad-danni li jeccedu Lm1000 l-konvenut baqa' inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. tiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghal incident minhabba negligenza tieghu u minhabba non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;
2. tillikwida d-danni kagjonati lill-atturi b'rizultat ta' l-incident;
3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat;
Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Frar 1998 u bl-imghax. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni;
Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident mertu ta' din il-kawza kien jahti unikament l-attur Christopher Sare minhabba imprudenza, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tas-sewqan u ghalhekk it-

talbiet attrici ghandhom jigu respinti in toto bl-ispejjez kontra l-atturi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Frar 2000 minn fejn jirrizulta li l-partijiet jiddikjaraw illi l-ammont indikat fil-prospett li gie esibit mill-attur fl-istess seduta mhux qed jigi kontestat u ghalhekk l-ammont hemm indikat ghandu jittiehed bhala l-ammont ta' d-danni sofferti mill-attur bhala kawza ta' dan l-incident, salv pretensjonijiet ulterjuri ta' l-attur rigwardanti d-deprezzament tal-vettura tieghu, rigwardanti xi spejjez ta' petrol u rigwardanti l-erba' (4) rimmijiet tar-roti tal-istess karozza. Fl-istess verbal (?) il-partijiet qabblu li d-danni ghar-rigward tal-pretensjonijiet ta' l-attur dwar dawn ir-rimmijiet ghandhom jigu likwidati fis-somma ta' mija u hamsin liri maltin (Lm150) ghal erba' (4) rimmijiet;

Fl-istess verbal tas-seduta tat-28 ta' Frar 2000 il-partijiet inoltre ddikjaraw li ghall-finijiet ta' preskrizzjoni l-konvenut ghadu qed jippretendi li huwa sofra xi danni bhala kawza ta' dan l-incident u ghal kull buon fini dawn il-pretensjonijet ghandhom fis-sehh;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-attur u lill-konvenut u x-xhieda minnhom prodotti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-istess verbal tas-seduta tat-28 ta' Frar 2000;

Ikkonsidrat:

Mill-provi jirrizulta li fl-24 ta' Dicembru 1997 ghall-habta tal-4.30 ta' fil-ghaxija sehhet kollizjoni fi Vjal Santa Lucia Paola. Involuti f'dan l-incident kien hemm l-attur li kien qed isuq il-vettura tieghu tal-marka Isuzu Gemini numru ta' registrazzjoni EAD 404 u l-konvenut li, da parti tieghu kien qed isuq il-vettura tieghu tal-marka Metro numru ta' registrazzjoni DAP 937. L-attur jippretendi li l-konvenut jahti unikament ghal din il-kollizzjoni u dana minhabba li kien negligenti u ma osservax ir-regolamenti tat-traffiku. Ghalhekk l-attur qed jitlob li jigu likwidati d-danni li huwa sofra fil-karozza tieghu f'dan l-incident u b'hekk il-konvenut jigi kundannat ihallas dawn id-danni hekk likwidati;

Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li huwa l-attur li ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-incident. Huwa jghid li waqt li kien qed jaghmel manuvra sabiex idur go fetha fis-"centre-strip", l-attur baqa' diehel fuqu cioe baqa diehel fil-vettura misjuqa minnu;

Jirrizulta li z-zewg sewwieqa involuti f'dan l-incident kienu ghaddejjin fi Vjal Santa Lucia Paola, t-tnejn sejrin fl-istess direzzjoni cioe' fid-direzzjoni ta' Santa Lucia. L-incident sehh fejn hemm fetha fis-centre strip li taqsam iz-zewg karreggjati li jiehdu t-traffiku sejjer fid-direzzjoni opposta. Fejn hemm din il-fetha kull karreggjata hi maqsuma f'zewg lanes. Il-konvenut ried li jghaddi mill-imsemmija fetha sabiex idur ghall-gewwa l-karreggjata l-ohra li tiehu traffiku gej mid-direzzjoni opposta ghar-rigward ta' kif kienu ghaddejjin il-partijiet. Il-habta grat propju meta l-konvenut ittanta jghamel din il-manuvra u f'dak il-hin l-attur baqa diehel fuq in-naha ta' wara u fuq il-genb ta' wara tan-naha tal-lemin tal-vettura misjuqa mill-konvenut;

Iz-zewg partijiet jghatu verzjonijiet differenti ta' kif grat din il-kollizzjoni;

L-attur jghid li kien qed insuq fil-lane ta' hdejn is-centre strip. Meta wasal fil-vicinanzi tal-fetha in kwestjoni huwa ra li l-vettura tal-konvenut kienet fil-lane l-ohra, cioe kienet fuq ix-xellug tieghu, u kienet qisu zewg karozzi l-fuq. F'daqqa wahda il-konvenut qasam il-lane li fiha kien

ghaddej l-attur u dar biex jidhol minn gol-fetha in kwestjoni. Skond l-attur il-konvenut ma ghamel l-ebda sinjal. Meta l-konvenut gie biex jidhol fil-karreggjata opposta mill-imsemmija fetha, huwa rrallenta xi ftit u minhabba f'hekk l-attur, li kien gej minn wara, laqat il-vettura tal-konvenut. L-attur jghid li ttanta jevita l-kollizzjoni pero' ma rnexxilux peress li ma setax jghafas il-break mall-ewwel u f'daqqa peress illi kienet ix-xita u ma kienx jaf xi traffiku kellu warajh u ma setghax jigbed lejn il-karreggaiata l-ohra peress li kien hemm it-traffiku;

Il-konvenut jghid li huwa ried jghamel U-Turn mill-fetha in kwestjoni. Huwa jammetti li ma setax jghamel tali manuvra. Huwa jghid li kien ghaddej fil-lane ta' hdejn ic-centre strip u meta gie biex jghamel l-imsemmija manuvra huwa waqaf u xeghel l-indicator biex juri li kien ser idur fuq il-lemin tieghu. Huwa jinsisti li fil-hin tal-habta huwa kien wieqaf u kien ilu wieqaf xi sitta (6) jew seba (7) sekondi. Fil-hin tal-habta n-naha ta' quddiem tal-karozza tieghu kienet gia mdawwra lejn il-karreggjata opposta;

Il-versjoni tal-attur hi aktar kredibbli u aktar verosimili. Difatti il-versjoni tal-attur in generali hi korroborata minn dak li qal ix-xhud Joseph Abela. Dan l-ahhar xhud qal li huwa fil-hin tal-kollizzjoni kien niezel mid-direzzjoni opposta ghar-rigward tad-direzzjoni li fiha kienu ghaddejjin il-partijiet. Ix-xhud kien ghaddej fil-lane hdejn is-centre strip. Huwa ra l-Metro tal-konvenut tidhol mill-lane l-ohra ghal-lane hdejn is-centre strip u dana sabiex l-istess konvenut jibqa diehel fil-fetha u jisbokka fil-karreggiata opposta cioe' fil-karreggiata fejn kien ghaddej l-istess xhud. Tant hu hekk li x-xhud haseb li l-konvenut kien ser jibqa diehel fih. Ix-xhud qal li ma rax lill-konvenut jghamel xi sinjal jew bl-indicator jew bl-idejn. Ix-xhud inoltre kkonferma li fl-ebda hin ma ra l-Metro wieqfa;

In generali ukoll il-versjoni tal-attur hi ukoll konfermata mill-hsarat li jirrizultaw fuq il-vetturi u minn kif jirrizulta li spiccaw il-vetturi wara l-habta u kif muri mill-iskizz li gie esibit. In effett il-konvenut stess jammetti li huwa kien qed jghamel manuvra li kienet ipprojbita;

Jirrizulta ghalhekk li l-konvenut holoq stat istantaneu ta' emergenza u dan meta  qasam mill-lane ghall-ohra u ttanta manuvra mhux permessa. B'hekk ukoll din il-manuvra ma kinits mistennija mis-sewwieqa l-ohra li kien hemm fit-triq b'mod partikolari mill-attur;

In vista tal-prmess il-konvenut ghandu jitqies unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwestjoni. Ma jirrizulta xejn li jista jitfa xi tort jew parti mit-tort fuq l-attur;

Ghal finijiet tal-likwidazzjoni tad-danni jirrizulta li d-danni sofferti mill-attur fil-karozza tieghu b'kollox jammontaw ghas-somma ta' elfejn hames mija u hamsa u sittin liri maltin u sitt centezmi (Lm2565.06). (Vide dokument AX1 u d-dikjarazzjoni tal-partijiet fil-kors tas-seduta tat-28 ta' Frar 2000). Skond l-istess verbal tal-partijiet mghamula fil-kors tas-seduta tat-28 ta' Frar 2000 id-danni ghar-rigward tar-rimmijiet ghandhom jitqiesu li jammontaw ghas-somma ta' mija u hamsin liri maltin (Lm150). Ma dawn ghandu jizdied l-ammont ta' kemm l-attur nefaq zejjed fi petrol ghar-rigward ta' uzu ta' vettura ohra waqt li l-vettura in kwestjoni kienet qed tissewwa. L-ammont ta' Lm200, li semma l-attur f'dan ir-rigward, jidher li, fic-cirkostranzi kollha tal-kaz, hu ragjonevoli;

Ghal finijiet tal-likwidazzjoni tad-danni tird tizdied ukol is-somma ta' tlett mitt liri maltin (Lm300) bhala deprezzament tal-vettura tal-attur minhabba din il-habta. Dan l-ahhar ammont gie kalkolat a bazi ta' hamsa fil-mija (5%) tal-valur tal-karozza meta din gie akkwistata u cioe'

tas-somma ta' sitt elef liri maltin (Lm6000). L-ammont kollu ghalhekk li qed jigi likwidat bhala danni sofferti mill-attur in konsegwenza ta' din il-habta hu ta' tlett elef mitejn u hmistax il-liri maltin u sitt centezmi (Lm3215.06). (Lm2565.06 + Lm150 + Lm200 + Lm300 = Lm3215.06). Ghalhekk il-konvenut ghandu jigi kundannat ihallas lill-attur din is-somma ta' Lm3215.06;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghal incident in kwestjoni u tillikwida d-danni kagjonati lill-atturi b'rizultat ta' l-incident fis-somma komplessiva ta' tlett elef mitejn u hmistax il-liri maltin u sitt centezmi (Lm3215.06) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-imsemmi ammont ta' Lm3215.06 in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------